MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Talba Numru. 859/2006

**Maltacom Plc 22334**

**vs**

**Oliver Azzopardi**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' erba' mija wiehed u erbghin Lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (LM441.26) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Maltacom Plc in konnessjoni in kwantu ghal ammont ta' LM250 mas-servizz telefoniku bin-numru 21380057 u in kwantu ghal ammont ta' LM191.26 ma servizz telefoniku li jgib in-numru 2137801 (AC40008663) li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-Ispejjes u imghaxijiet legali.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema ix-xhieda ta' Dr Ingrid Zammit Young fid-9 ta' Novembru, 2006, debitament awtorizzata tirraprezenta s-socjeta' attrici fejn hija kkonfermat li l-ammont huwa dovut mill-konvenut.

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-Kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------